VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,255, 23 ta' Mejju, 2014
Taqsima B

A.L. 177 tal-2014

ATT DWAR L-AWTORITÀ GĦAT-TRASPORT F'MALTA (KAP. 499)

ORDINANZA DWAR IR-REGOLAMENT TAT-TRAFFIKU (KAP. 65)

Regolamenti tal-2014 li jemendaw ir-Regolamenti dwar is-Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri (Emenda Nru. 3)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 43 tal-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta u bl-artikolu 54 tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, il-Ministru għat-Trasport u l-Infrastruttura, b'konsultazzjoni mal-Awtorità għat-Trasport f'Malta, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2014 li jemendaw ir-Regolamenti dwar is-Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri (Emenda Nru. 3), u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar is-Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri, hawn aktar 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 499.56

Jemenda r-regolament 28 tar-regolamenti prinċipali.

2. It-tieni proviso tas-subregolament (2) tar-regolament 28 tar-regolamenti prinċipali, għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Iżda wkoll *bus* mikxufa li ddaħħlet f'Malta qabel id-19 ta' Mejju 2009 u li dwarha tkun saret applikazzjoni mal-Awtorità għar-reġistrazzjoni tagħha qabel dik id-data tista' tigi reġistrata mhux aktar tard mill-31 ta' Lulju 2014 u dan minkejja dak li jipprovdi l-paragrafu (b), biss f'dawk il-każi fejn l-applikant (jew fejn il-persuna li titlob reġistrazzjoni bħal dik m'hijiex l-istess persuna li ssottomettiet l-applikazzjoni oriġinali, l-applikant preżenti kif ukoll l-applikant oriġinali) jiffirma dikjarazzjoni fejn jirrinunzja irrevokabbilment għal kull dritt ta' xi azzjoni kontra l-Awtorità u jiddikjara li ma għandu l-ebda talba jew pretenzjoni kontra l-Awtorità jew kontra l-Gvern ta' Malta jew kontra xi uffiċjali tagħhom li huma relatati jew li għandhom x'jaqsmu man-nuqqas ta' użu tal-istess *bus* mikxufa qabel id-data tar-reġistrazzjoni u li hu jżomm lill-Awtorità, lill-Gvern ta' Malta u lill-imsemmija uffiċjali mingħajr responsabbiltà għal talbiet bħal dawk minn terzi persuni.".

VERŻJONI ELETTRONIKA

Jemenda r-regolament 69 tar-regolamenti prinċipali.

3. Fis-subregolament (2) tar-regolament 69 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "skond dan ir-regolament.", għandhom jidħlu l-kliem "skont dan ir-regolament:", u minnufih wara għandu jiżdied dan il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda l-operatur jista' wkoll juża jew iħalli li tintuża tali *bus* mikxufa biex tipprovdi servizzi ta' ġarr tal-passiġġieri oħrajn wara li jkun tħallas id-dritt tad-dħul relattiv skont ir-regolament 117.".

Jemenda r-regolament 116 tar-regolamenti prinċipali.

4. Is-subregolament (3) tar-regolament 116 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(3) Is-subregolament (2) m'għandux japplika jekk il-vettura għall-ġarr ta' passiġġieri li trid titneħħa minn fuq ir-reġistru skont il-paragrafu (d) tiegħu kienet xi darba użata bħala *motor route bus* fil-gżira ta' Malta.".

Jemenda r-regolament 117 tar-regolamenti prinċipali.

5. Ir-regolament 117 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subregolament (3) tiegħu, minflok il-kliem "skont ir-regolament 116(2)(e)," għandhom jidħlu l-kliem "skont ir-regolament 116(2)(ċ),"; u

(b) is-subregolament (4) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(4) Is-subregolament (3) m'għandux japplika jekk il-vettura għall-ġarr ta' passiġġieri li trid titneħħa minn fuq ir-reġistru kienet xi darba użata bħala *motor route bus* fil-gżira ta' Malta.".

Jemenda l-Għaxar Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

6. Minnufih wara l-proviso tal-punt 2 tal-Parti 4 tal-Għaxar Skeda li tinsab mr-regolamenti prinċipali, għandu jiżdied dan il-punt ġdid li ġej:

"2A. Dritt tad-dħul li għandu jitħallas għal *bus* mikxufa li ġiet manifatturata aktar minn għaxar snin qabel ma daħlu fis-seħħ dawn ir-regolamenti, sabiex tintuża biex tipprovdi servizzi ta' ġarr tal-passiġġieri minbarra dawk fuq rotot ta' trasport għat-turisti ..... €10,600".